31997D0825

L 342/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 12.12.1997

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL ta' l-24 ta' Novembru ta' l-1997 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq il-koperazzjoni tal-protezzjoni u użu sostenibbli tax-xmara Danubju

(97/825/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s (1) ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza, u (3), l-ewwel paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi l-Kummissjoni pparteċipat, f'isem il-Komunità, fin-negozjati fi Grupp ta' Ħidma *ad hoc* sabiex jipprepara Konvenzjoni dwar il-koperazzjoni għall-protezzjoni u użu sostenibbli tax-xmara Danubju;

Billi din il-Konvenzjoni kienet iffirmata f'isem il-Komunita' f'Sofija (Bulgarija) fid-29 ta' Ġunju ta' l-1994;

Billi din il-Konvenzjoni tippjana li tistabbilixxi struttura għal koperazzjoni bilaterali u multilaterali sabiex tipproteġi l-ambjent tal-baħar, tippreveni u tikkontrolla t-tniġġis fix-xmara Danubju u tassigura użu sostenibbli tar-riżorsi ta' l-ilma ta' pajjiżi minn fejn tgħaddi x-xmara Danubju;

Billi l-Komunità addottat miżuri fl-isfera koperta mill-Konvenzjoni; billi hija għall-Komunità li jkollha impenn internazzjonali f'dan il-kamp;

Billi,bi qbil ma' l-Artikolu 130r, il-politika tal-Komunita' dwar l-ambjent tgħin sabiex tikseb l-oġġettivi ta' preservazzjoni, protezzjoni u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, b'għan għal żvilupp sostenibbli, u promozzjoni fil-livell internazzjonali ta' miżuri li jirrigwardaw il-problemi ambjentali fir-reġjun u mad-dinja kollha;

Billi l-politika ta' l-ambjent tal-Komunita' bħala ħaġa shiħa timmira għal livell għoli ta' protezzjoni, billi hija bbażata fuq il-prinċipji ta' azzjoni ta' kawtela u prevenzjoni, fuq il-prinċipju li jikkoreġi, bħala prijorità fis-sors, ħsara ambjentali u fuq il-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas;

Billi bħala parti mill-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Komunità u l-Istati Membri jikkoperaw mal-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivi;

Billi l-konklużjoni tal-Konvenzjoni mill-Komunita' tgħin sabiex tottjeni l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 130r tat-Trattat, u billi għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni dwar il-koperazzjoni għall-protezzjoni u użu sostenibbli tax-xmara Danubju hija hawnhekk approvata f'isem il-Komunità.

It-test ta' din il-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni mal-Gvern Rumen, bi qbil ma' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni.

Magħmul fi Brussel, 24 ta' Novembru ta' l-1997.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

E. HENNICOT-SCHOEPGES

[1] ĠU C 288, ta' l-1.10.1996, p. 19.
[2] Opinjoni mogħtija fil-25 ta' Ottubru ta' l-1996 (ĠU C 347, tat-18.11.1996).
[3] ĠU C 66, tat-3.3.1997, p. 1.